# Il-Kwadru ta' Sant'Elija

## fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu Mdina



Kitba ta' Mario Fenech

Kull min iżur il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imdina żgur li jibqa' impressjonat mhux biss bil-kwantità ta' opri sbieħ li hija mżejna bihom din il-knisja, iżda wkoll bil-kwalità artistika ta' dawn l-opri. Jekk wieħed jinnota d-dekorazzjoni u l-għamla ta' din il-knisja jieħu l-impressjoni li din hija waħda mill-isbaħ knejjes Karmelitani li għandna fil-gżejjer Maltin. Ma nistgħux inħallu barra l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li għandha valur artistiku kbir, iżda dwar din nikteb f'artiklu ieħor.



Fost l-opri sbieħ li naraw fil-knisja, hemm xena mill-isbaħ li turina t-tlugħ lejn is-sema ta' Sant'Elija. Kwadru li huwa xogħol ta' l-artist Michele Bellanti li għex bejn l-1807 u l-1883. Kien studja l-Arti f'Ruma, fi Franza u Venezja. Kien disinjatur u pittur tajjeb ħafna u wkoll iggradwat bħala avukat.

Dan il-kwadru ta' Sant'Elija huwa wieħed minn tnejn li hemm fil-knisja, li għamel dan l-artist. Il-kwadru l-ieħor juri lill-Madonna qiegħda tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock, kwadru li huwa nieqes mill-moviment u huwa xi ftit statiku. Dan ta' Sant'Elija huwa wieħed espressiv, movimentat u fuq kollox jagħtina stampa ċara ta' dak li l-artist xtaq jirrakkonta permezz tal-pniezel tiegħu.

Hawnhekk naraw lil Sant'Elija bilwieqfa b'idejh mgħollijin 'il fuq, riekeb fuq karrettun ta' lewn dehbi miġbud minn tliet żwiemel bojod li l-artist pinġa b'tant eleganza. 'Il fuq fil-kwadru naraw żewġ anġli kbar qegħdin iżommu r-riedni taż-żwiemel biex iwassluhom lejn is-sema. Wieħed jinnota l-ħlewwa fuq wiċċ dawn iż-żewġ anġli filwaqt li xorta waħda qegħdin juru ċerta awtorità f'dak li qegħdin jagħmlu. Fil-parti t'isfel tal-kwadru l-artist Bellanti pinġa sħaba bajda filwaqt li fil-ġenb inkluda l-figura ta' Sant'Eliżew Profeta.

Il-panneġġi tal-ħwejjeġ ta' Sant'Elija u ta' l-anġli huma spjegati b'mod iddettaljat ħafna, u hawnhekk naraw ir-reqqa li ħadem biha l-artist biex ħareġ b'dan ir-riżultat tant sabiħ.

Hemm bosta suġġetti fil-kult Karmelitan li jistgħu jiġu ppreżentati lilna permezz ta' l-Arti. Fl-opinjoni tiegħi dan il-kwadru huwa l-isbaħ wieħed li għandna tat-tlugħ ta' Sant'Elija lejn is-sema fil-gżejjer Maltin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.